II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/741

### tat-8 ta' Mejju 2015

### li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 737/2012 dwar il-protezzjoni ta' ċerti stokkijiet fil-Baħar Ċeltiku

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 45(1) tiegħu,

Billi:

(1) B'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-Politika Komuni tas-Sajd għandha l-għan li gradwalment telimina r-rimi b'kont meħud tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli, billi tevita u tnaqqas, sa fejn possibbli, il-qbid inċidentali.

(2) L-Artikolu 45(1) tar-Regolament (KE) Nru 850/98 jistipula li, meta l-konservazzjoni tal-istokkijiet ta' organiżmi tal-baħar titlob azzjoni immedjata, il-Kummissjoni tista', flimkien ma' deroga minn dak ir-Regolament jew permezz tagħha, tadotta kwalunkwe miżuri neċessarji.

(3) B'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, huwa xieraq li wieħed jinkoraġġixxi t-titjib tas-selettività fuq bażi bbażata fuq ir-riżultati.

(4) Stokk b'firxa wiesgħa ta' klassijiet ta' snin u pula suffiċjentement riproduttiva jkun aktar reżiljenti għal sfruttament u għalhekk huwa iktar probabbli li jintlaħaq u jinżamm livell ta' rendiment massimu sostenibbli. Minħabba diskrepanzi fis-selettività, reklutaġġi qawwija, fil-biċċa l-kbira tagħhom ġew mormija fil-Baħar Ċeltiku u selettività mtejba se tgħin fl-iżvilupp ta' strutturi tal-klassi fuq għadd ta' snin.

(5) Kull parir li jasal mingħand il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) f'Ġunju 2013 juri li l-miżuri li ttieħdu s'issa biex jiġi rrimedjat l-istatus ta' konservazzjoni tal-gadojdi ma kinux biżżejjed u jitlob għal tnaqqis kbir ħafna fl-opportunitajiet tas-sajd. Għall-bakkaljaw, pereżempju, l-ICES jiddikjara li "ir-reklutaġġ fl-2012 kien l-aktar wieħed baxx fis-sensiela ta' żmien".

(6) Għall-merlangu fil-Baħar Ċeltiku, l-ICES iwissi li l-prattiki tar-rimi kienu għadhom għoljin ħafna għal ħut ta' età bejn sena u sentejn. Għall-merluzz, li huwa iktar b'saħħtu mill-medja, ir-reklutaġġ tal-2014 se jidħol għas-sajd fil-bidu tal-2015. Għall-bakkaljaw, l-ICES jgħarraf li r-rimi qawwi tal-koorti qawwija tal-2013 huwa mistenni fl-2014 u l-2015 sakemm ma jittiħdux miżuri addizzjonali biex jitnaqqas ir-rimi.

([1]) ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

(7) Għall-bakkaljaw, b'mod partikolari, ir-reklutaġġ huwa magħruf li huwa instabbli u wieħed għandu jikkapitalizza fuq każijiet ta' reklutaġġ tajba. L-ICES jiddikjara li l-"maniġment għandu jiffoka fuq it-titjib tal-għażla tal-bakkaljaw f'sajd imħallat" u li "aktar miżuri tekniċi biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tar-rimi tal-klassi tas-sena 2013 għandhom jiġu kkunsidrati. Dawn jistgħu jinkludu żieda fid-daqs tal-malja tax-xbieki b'malji kwadri u/jew jiżdied il-qies tal-malji fl-attivitajiet tas-sajd gadojde li qed jaqbdu l-merluzz". Fi kliem ieħor, ir-rekluti tal-bakkaljaw u l-merluzz ser tibqa' tiġi mwarrba jekk ma tittieħidx azzjoni immedjata.

(8) Huwa għalhekk meħtieġ, minbarra l-miżuri li diġà ttieħdu permezz tar- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 737/2012 ([1]), li jiġu stipulati immedjatament miżuri ta' selettività msaħħa li jiżguraw li r-rati tar-rimi se jonqsu b'mod sostanzjali ħafna u ż-żgħar jitħallew jikbru, jirriproduċu u jikkontribwixxu għal qabdiet futuri.

(9) Għalhekk, il-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-bakkaljaw, il-merluzz u l-merlangu fil-Baħar Ċeltiku teħtieġ azzjoni immedjata.

(10) Għalhekk, huwa xieraq li jkun hemm provvediment għall-possibbiltà li jintuża rkaptu differenti minn dak previst fir-Regolament (KE) Nru 850/98 jekk il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) jistma li dan jirriżulta fl-istess selettività jew ogħla għall-gadojdi (jiġifieri l-bakkaljaw, il-merluzz u l-merlangu) li jinqabad fis-sajd demersali mħallat fil-Baħar Ċeltiku (id-diviżjonijiet VIIf, VIIg tal-ICES u dik il-parti tad-diviżjoni VIIj li qiegħda fit-tramuntana tal-latitudni 50° N u fil-Lvant ta' 11° W).

(11) Analiżi xjentifika turi li s-sajd tal-merlangu fil-Lvant ta' 8° W jkun sproporzjonalment affettwat mit-twaħħil ta' panew b'malji ta' daqs ikbar minn dak attwalment użat. Minħabba trikkib limitat ma' oqsma fejn għall-bakkaljaw u l-merluzz huma preżenti fil-Baħar Ċeltiku, il-kontinwazzjoni tal-miżuri previsti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 737/2012 intweriet li għandha impatt aċċettabbli fuq il-merluzz u l-bakkaljaw filwaqt li jiġi ppreservat is-sajd f'dan il-qasam partikolari.

(12) Fis-16 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu dwar il-ħtieġa li tittejjeb is-selettività tal-miżuri previsti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 737/2012.

(13) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 737/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. B'deroga minn punt (a) tal-Artikolu 7(1) tar- Regolament (KE) Nru 850/98, il-bastimenti tas-sajd bl-użu ta' daqs tal-malji tat-tarf magħluq ta' bejn 70 u 119 mm għandhom jużaw panew ta' toqob kwadri b'daqs tat-toqob ta' mill-inqas 120 millimetru."

(2) Jiżdiedu l-paragrafi 3, 4, 5 u 6 li ġejjin:

"3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, panew b'toqob kwadri jista' jitqiegħed aktar' il bogħod mill-manka jekk kombinazzjoni differenti ta' rkaptu u apparat jiġu vvalutati mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) li għandhom selettività tal-istess livell jew ogħla ta' karatteristiċi għall-merluzz, il-bakkaljaw u l-merlangu.

4. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, il-bastimenti tas-sajd bl-użu ta' daqs tal-malji tat-tarf magħluq ta' bejn 70 u 119 mm jistgħu jużaw, minflok panew ta' toqob kwadri ta' daqs tat-toqob ta' mill-inqas 120 millimetru, tagħmir jew apparat ivvalutat mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) li għandu l-istess livell jew ogħla ta' karatteristiċi ta' selettività għall-merluzz, il-bakkaljaw u l-merlangu.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 737/2012 tal-14 ta' Awwissu 2012 dwar il-protezzjoni ta' ċerti stokkijiet fil-Baħar Ċeltiku (ĠU L 218, 15.8.2012, p. 8).

5. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, il-bastimenti li jużaw malji ta' daqs ta' bejn 70 u 119 mm fejn il-qabda fi kwalunkwe sajda fiż-żona Lvant ta' 8° Punent tal-Baħar Ċeltiku jkun fiha mill-inqas 55 % merlangu jistgħu jużaw panew ta' toqob kwadri b'daqs tat-toqob ta' mill-inqas 100 millimetru jekk huma jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni ta' daqs singolu ta' xibka ugwali għal jew akbar minn 100 millimetru.

6. Bastimenti tas-sajd li qed jagħmlu użu mid-derogi msemmija fil-paragrafi 3, 4 u 5 għandhom ikunu ġew maħruġa flimkien ma' awtorizzazzjoni tas-sajd speċifika mill-Istat Membru tal-bandiera tagħhom qabel ma jmorru fuq il-baħar. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jeżamina kwalunkwe sottomissjoni għal tali awtorizzazzjoni b'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 (*) u mal-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 (**).

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

(**) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1)."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mid-29 ta' Mejju 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Mejju 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER